**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 32/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**JG**

**Vs**

**SG**

**L-Avukat Dr NB u l-Prokuratur Legali LB li b'digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Settembru 2018 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil minuri DG**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JG, datat 1 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi fit-30 ta' April 2008 hija weldet tifel D kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok A;*

2. *Illi meta twieled l-imsemmi tifel hija kienet u ghadha mizzewga lil konvenut SG*

*kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok B;*

3. *Illi ghalhekk l-imsemmi tifel kellu jigi registrat bhala li l-konvenut SG huwa missier it-tarbija;*

4. *Illi l-konvenut SG ma kellux oggezzjoni ghal dan tant li anke kien sar paternity test ghand Dr Renald Blundell fejn l-konvenut zewgha gie eskluz li huwa l-missier naturali ta' DG izda l-konvenut zewgha kien komdu jrabbi tali tifel DG bhala tieghu;*

5. *Illi meta l-partijiet bdew il-proceduri ta' separazzjoni l-konvenut zewgha ordna li sabiex huwa jilhaq ftehim bonarju martu kellha tibda dawn il-proceduri u tnehhi lit-tifel D minn fuq ismu.*

6. *Illi l-attrici tablet u ottjeniet il-permess sabiex tibda dawn il-proceduri a tenur tal-artikolu 73 proviso (c) tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili permezz ta' digriet ta' din l-qorti tal-24 ta' Awissu 2018 fl-atti tar-rikors generali numru 369/18 kopja anness u markata Dok C.*

7. *Illi l-partijiet permezz ta' nota konguntiva Dok D kienu infurmaw lil Qorti fl-atti tal-istess rikors generali li huma ma kienux lesti li jaccettaw il-bandu u ghalhekk din l-Qorti permezz ta' digriet tas-26 ta' Settembru 2018 hatret lil Avukat Dr NB u lil prokuratur legali LB bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil minuri DG (Dok E).*

8. *Illi ghalhekk qed issir din l-kawza.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi joghgobha:*

A. *Tordna li jigu allaccjat l-inkartament kollu tar-rikors generali numru 369/2019 AGV sabiex jifforma parti minn din l-kawza;*

B. *Prevja kull dikjarazzjoni li din l-Onorabbli Qorti thoss u ghandha taghti fic-cirkostanzi tiddikjara li l-konvenut SG mhuwiex il-missier naturali tal-*

*minuri DG;*

C. *Tordna li jezistu cirkustanzi ai termini tal-artikolu 92(6) tal-Kap 16 jezistu cirkostanzi fl-ahjar interess tal-minuri li issa ghandu hdax-il sena li kunjom il-minuri DG ghandu jibqa G u din il-Qorti kemm-il darba laqghet din it-talba fosthom fil-kawza 367/10 RGM fl-ismijiet Gianni Camilleri vs Daniela Bartoli et u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex din l-ordni tkun riflessa fic-certifikat tal-minuri DG Att tat-twelid numru X;*

D. *Tordna lil konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru X u dana billi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier' jidhlu l-kliem 'missier mhux maghruf' fl-att ta' twelid in kwistjoni;*

E. *Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli wara li jsir l-emendi kollha mehtiega ai termini tat-talba precedent u johrog att ta' twelid iehor hekk kif korrett.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut SG u l-konvenuti jew minn minnhom li huma ingunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 18 ta' Frar 2019, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponent jeċċepixxi illi l-attriċi ma ddikjaratx abbażi ta' liema artikolu tal-liġi hija qed issejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, l-attriċi għandha tagħmel dan mill-iktar fis possibli, filwaqt li l-esponent bil-permess ġentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriżerva d-dritt tiegħu li jissollevva eċċezzjonijiet ta' natura preliminari jekk ikun il-każ;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess u preliminarjament ukoll, l-attriċi trid tegħleb il-preseunzjoni legali maħluqa ai termini tal-*Artikolu 81 tal-Kapitolu 16

*tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentament turi li l-pussess ta' stat ta' DG ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;*

3. *Illi bla ħsara għal premess u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

4. *Illi l-attriċi jeħtieġilha primarjament tipprova u tissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi mill-qari tar-rikors ġuramentat jidher li għal tali fini diġa' sar test ġenetiku, iżda dan it-test għadu ma ġiex eżebit. Għaldaqstant l-esponent jirriżerva li jevalwa tali test ġenetiku u f'każ ta' dubju huwa jirriżerva d-dritt tiegħu li umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi hekk kif inhu provdut fl-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri DG a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem SG, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom flimkien mal-konnotati tal-konvenut jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri DG;*

7. *Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' SG, datata 27 ta' Frar 2019, a fol 23 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-ewwel talba – ghad illi qieghda titlob haga proceduralment utili – ma ghandhiex titressaq bhala tali ghaliex dak mitlub ma ghandux jifforma parti mis-sentenza definittiva.*

2. *Illi t-tieni talba ma hiex opposta b'dan illi ghandhom isiru testijiet xjentifici biex dak ordnat u ddikjarat mill-Qorti jkun gie qabel mistharreg.*

3. *Illi t-tielet talba hija opposta u ghandha tigi michuda bl-ispejjes billi dak depost fl-Artikolu citat ma jghoddx ghac-cirkostanza tal-minuri D, billi b'sehh ta' din il-kawza l-paternita' tieghu ma hiex qeghda tigi maghrufa u lanqas ma tigi ddikjarta l-filjazzjoni tieghu. In oltre, din it-talba ghandha, skont dak depost fl-istess artikolu, titressaq permezz tar-rikors mahsub fl-istess artikolu.*

4. *Illi r-raba u l-hames talbiet ma humiex opposti.*

5. *Illi finalment, l-esponent jifhem minnghand l-attrici illi missier il-minuri D huwa certu KG u l-Qorti ghandha tqis jekk huwiex fl-interess tal-minuri illi l-paternita' tieghu ma tkunx maghrufa jew jekk huwiex fl-interess tal-minuri illi jissejjah l-imsemmi KG fil-kawza appuntu sabiex jigi dikjarat il-missier naturali tal-minuri D.*

6. *Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta u ghandhom jithallsu mill-attrici.*

Rat id-dikjarazzjoni ta' SG, datata 27 ta' Frar, 2019, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-fatti saljenti tal-kawza huma korretti fis-sens illi huwa minnu illi fil-kors taz-zwieg tal-kontendenti, konjugi G, l-attrici kellha rapport intimu ma' ragel iehor u minn dan ir-rapport harget tqila bit-tifel DG billi mbaghad twieled fit-30 ta' April 2008.*

2. *Illi assolutament ma hiex minnha l-allegazzjoni illi ssir mill-attrici fir-raba' paragrafu tar-rikors guramentat taghha illi l-esponent kien jaf bir-rapport adulteru ta' martu u li dak ir-rapport kien wassal ghat-tqala taghha bit-tifel D.*

3. *Illi l-esponent sar jaf b'dawn il-fatti madwar sitt (6) snin wara, meta persuna mhux*

*maghrufa cemplitlu u tatu x'jifhem illi kienu dahlu rgiel id-dar. L-esponent ikkonfronta lill-attrici martu u, b'sikkatura tieghu mifruxa fuq zmin twil, hija avzat illi t-tifel D ma kienx tieghu.*

4. *Illi ftit wara dana kollu, l-attrici bdiet proceduri ta' separazzjoni.*

5. *Illi skont ma qalet l-attrici lill-esponent, missier il-minuri D huwa KG.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' Sottomissjonijet tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza in parte rigward l-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi l-artikolu 73 u l-artikolu 75 m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern. Id-Direttur tar-Registru Pubbliki jargumenta illi l-azzjoni odjerna kellha tigi istitwita a bazi tal-artikolu 77B tal-Kodici Civili kontra r-ragel tal-omm, l-allegat missier bijologiku u l-minuri. Skont id-Direttur tar-Registru Pubbliku minn evalwazzjoni tad-dibattati parlamentari jidher illi mara inghatat biss id-dritt li tistiwixxi azzjoni sabiex tissostwixxi isem ir-ragel taghha b'isem il-missier bijologiku fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, u m'ghandhix dritt illi tistitwixxi azzjoni sabiex tnehhi isem ir-ragel taghha minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-wild taghha biex b'hekk il-minuri ikun irregistrat bhala l-wild ta' missier mhux maghruf.

Illi l-Qorti, ghalkemm konxja tal-gurisprudenza ezistenti fuq din il-materja, ma taqbel xejn mal-argument tad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-argument tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jistax jigi milqugh peress illi jekk il-Qorti tilqa' l-argument tieghu tkun qed taghmel dak li mhux permess lilha, u cioe li tuzurpa l-funzjoni tal-Legislatur billi tohloq restrizzjoni ghad-dritt t'azzjoni tal-attrici li ma tirrizultax mill-ligi.

Il-Qorti taghraf illi skont l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili "…il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll <u>**minn kull min ikollu interess**</u>…" Huwa car illi d-dritt t'azzjoni li johloq dan l-Artikolu m'huwiex ristrett biss ghar-ragel mizzewweg li minhabba l-

operazzjoni tal-presunzjoni tal-filjazzjoni matul iz-zwieg, ikun gie awtomatikament irregistrat bhala missier il-wild. Dan l-artikolu jaghti dritt t'azzjoni lil kull min ikun interessat sabiex jattaka il-filjazzjoni ta' dak il-wild.

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa illogiku li wiehed jargumenta li l-omm m'ghandhiex interess li tattakka l-filjazzjoni tal-wild taghha stess, meta tali filjazzjoni ghandha impatt daqshekk kbir mhux biss fuq il-wild izda hajjitha wkoll. Jibda biex jinghad illi r-ragel imnizzel bhala l-missier tal-wild fuq ic-certifikat tat-twelid u ghandu d-drittijiet kollha tal-awtorita' tal-genitur fuq il-wild, inklus drittijiet dwar safar, domicilju, sahha u edukazzjoni tal-wild. Ghandu wkoll impatt finanzjarju ghal rigward xi ghajnuna socjali, *children's allowance* etc.

Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tistaqsix, r-*raison d'etre* li r-ragel jinghata d-dritt li jnehhi ismu minn fuq certifikat ta' twelid u jigi sostitwit b' "missier mhux maghruf" waqt li l-mara tigi projbita milli taghmel dan meta hemm provi xjentifici sgaccanti dwar dan.

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, il-Qrati kienu tal-fehma illi m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi l-omm tkun tista' tissostiwixxi isem ir-ragel b' "missier mhux maghruf*"* fuq ic-certifikat ta' twelid tal-wild taghha, ghaliex hija "[k]*undanna din li t-tifel ikun irid igorrha ghal ghomru kollu bil-konsegwenzi negativi kollha taghha*.".[1] Din il-Qorti pero tinsab perplessa b'dan ir-ragunament. Jekk m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li c-certifikat tat-twelid jigi emendat fis-sens illi jitnehha isem il-missier irregistrat li mhux il-missier bijologiku, u jigi sostitwit b' "missier mhux maghruf" meta kawza f'dan is-sens issir mill-mara, kif ssir fl-ahjar interess tal-minuri meta l-istess kawza tigi istitwita mir-ragel? M'hemm ebda dubju illi ragel mizzewweg ghandu dritt jintavola kawza ta' denegata paternita. Pero', ir-rizultat tal-kawza ikun l-istess ghal minuri, irrispettivament minn min mil-mizzewgin jistiwixxi il-kawza sia' l-omm jew il-missier. Kif jista' jkun illi dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri jinbidel skont il-generu tal-persuna li tistitwixxi l-kawza? Jekk it-tibdil tar-registrazzjoni tal-minuri bhala wild ta' missier mhux maghruf hija kundanna li jrid igorr ghal ghomru kollu, u ghalhekk mhux fl-ahjar interess tieghu, allura m'ghandu jkun permissibbli ghal hadd illi jintavola azzjoni ta' dan it-tip, ghaliex l-identita jew il-generu tal-persuna li ntavolata il-kawza ma tnaqqas xejn din il-"kundanna". Certament m'ghandhiex tkun il-mara wahedha li ggorr il-piz sproporzjonat ta' din l-interpretazzjoni tal-ligi.

Anke jekk kellu jigi sorvolat dan, il-Qorti tibqa' xorta wahda perplessa rigward ghalfejn

[1] **A [B A] C f'isimha proprju vs Direttur tar-Registru Pubbliku et,** Qorti Civili (Sezzjoni Tal-Familja) deciza 30 t'April 2015.

m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li l-omm tithalla tnehhi isem ir-ragel taghha li mhux il-missieru bijologiku minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-wild u tissosstitwih b' "missier mhux maghruf" u huwa ahjar illi r-ragel taghha jibqa' rregistrat bhala missier il-minuri anke jekk dan m'huwiex minnu. Wara kollox, il-fatt li r-ragel tal-omm huwa rregistrat bhala missier il-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri ma jbiddilx la r-realta` bijologika tal-partijiet u lanqas ic-cirkostanzi taghhom. Din ir-registrazzjoni m'hijiex ser iservi sabiex iggieghel lir-ragel ikun parti mill-hajja tal-minuri jekk ir-ragel ma jridx dan u ghalhekk kwalunkwe "kundanna" ravvizata fil-gurisprudenza tiehu effett xorta wahda, irrispettivament mid-decizjoni ta' din il-Qorti

Fid-dawl ta' dan huwa car ghal din il-Qorti li kieku kellu jigi accettat l-argument tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ikun l-obbligu ta' din il-Qorti li tirreferi dawn il-proceduri lil Qrati ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni. Dan ghaliex, l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi proposta mid-Direttur tar-Registru Pubbliku tohloq riskju serju ta' diskriminazzjoni irragonevoli, sproporzjonata u ingustifikabbli kontra l-attrici. Illi pero l-Qorti tqis illi m'hemmx lok illi ssir tali referenza peress illi huwa car ghal din il-Qorti illi l-attrici ghandha jedd t'azzjoni ai termini tal-Artikolu 77 qua persuna interessata.

Fir-rigward tal-argument illi l-uzu tal-kelma "konjugi" fl-artikolu 73 huwa sempliciment kwistjoni ta' newtralita tal-generu u m'ghandux ibiddel is-sustanza tal-ligi, il-Qorti tqis illi dan l-argument m'ghandux mis-sewwa. L-ewwel nett jinghad illi jkun kemm xejn fallaci jekk isiru emendi sabiex jizguraw in-newtralita fir-rigward tal-generu fil-ligi, jekk imbaghad l-effett tal-ligi ikun diskriminatorju fil-konfront ta' xi generu. Inoltre, fejn il-ligi riedet illi taghti dritt t'azzjoni li xi hadd biss mill-konjugi dan ghamlitu b'mod car: l-Artikolu 70 jaghmel referenza ghal "*konjuġi,* ***ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild***" filwaqt li l-Artikolu 70A (2) jitkellem dwar "*il-konjugi li wiled.*" L-Artikolu 73 ma jaghmilx dan u jirreferi biss ghal "*konjugi*" u aktar car minn hekk, it-tieni proviso tal-istess artikolu jitkellem dwar "…**meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn <u>xi wieħed</u> mill-konjuġi**…"

Ghalhekk huwa car li l-uzu tal-kelma "konjugi" fl-Artikolu 73 m'hijiex sempliciment kwistjoni ta' terminologija newtrali li tirreferi biss f'dan il-kaz ghar-ragel. It-terminu "konjugi" fl-assenza ta' xi kwalifika (e.g. li wiled/hlief dak li wiled) jirreferi ghaz-zewg konjugi.

Illi ghaldaqstant hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-eccezzjoni tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku hija nfondata, u din il-kawza tista' tipprosegwi sabiex tinstema u tigi determinata fil-meritu.

**Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u tordna l-prosegwiment ta’ dawn il-proceduri fil-meritu.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**